**SILLABU MA 2016**

# IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ MA 28

**IS-SILLABU**

| | |
|---|---|
| **It-Tagħlim Reliġjuż MA 28** | (Tingħata wkoll f'Settembru) |
| **Is-Sillabu** | Żewġ Karti (3 sigħat kull Karta) |

**Għanijiet**

L-għan ta' dan l-Eżami hu li jinkoraġixxi lill-istudenti :

(i) Ikollhom apprezzament ikbar tar-rwol tar-Reliġjon fl-esperjenza tal-bniedem;

(ii) Li jkollhom ideja oġġettiva u ko-erenti tat-Tradizzjoni Kattolika u l-għejjun tagħha;

(iii) Li jkunu kapaċi jaraw ir-rabta tal-messaġġ nisrani mal-esperjenzi personali bażiċi tal-bniedem u ma' dak li titlob illum il-kultura Moderna / Postmoderna;

(iv) Li jiżviluppaw approċċ kritiku u inkwiżittiv lejn ir-reliġjon;

(v) Li jaraw dak li hu speċifiku għar-reliġjon Nisranija fil-kuntest iktar wiesgħa ekumeniku u ta' pluraliżmu ta' fidi.

**Objettivi ta' l-Eżami :**

L-istudenti huma mitluba li :

(i) Juru għarfien oġġettiv tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika bl-għeruq tiegħu fil-Kelma t'Alla, fit-Tradizzjoni tal-Knisja u fl-uffiċċju tagħha li tgħallem;

(ii) Jagħrfu r-rabta li teżisti bejn il-messaġġ nisrani u l-kuntest soċjali u kulturali tal-lum, kemm lokalment kif ukoll fid-dinja;

(iii) Ikunu kapaċi jsostnu argumenti sodi u b'fundament tajjeb fid-diskussjoni ta' kwistjonijiet ta' natura reliġjuża u morali.

**L-iskema tal-Marki :**

L-Eżami tar-Reliġjon fil-Livell Avvanzat ikun magħmul minn żewġ karti ta' tlett siegħat-il waħda. Kull waħda minn dawn il-karti jkollha żewġ sezzjonijiet u l-istudenti jkunu mitluba jwieġbu tlett (3) mistoqsijiet f'kull karta, waħda minn kull sezzjoni u oħra għażla tagħhom.
Peress li t-tweġibiet f'dan il-livell hu mistenni li jkunu f'kitba ta' format *essay*, tajjeb jinżammu ċari dawn il-parametri li ġejjin :

(i) Li jkun hemm evidenza ta' għarfien tat-temi studjati kif ukoll li l-istudenti jkunu fehmu dak li studjaw;

(ii) Li l-istudenti juru kapaċita' ta' użu tajjeb tal-lingwaġġ u t-terminoloġija reliġjuża;

(iii) Li jkun jidher li hemm għarfien tajjeb ta' x'tgħallem il-Knisja u tal-għejjun li jsir riferiment għalihom;

(iv) Li l-istudenti jkunu qabdu sew is-suġġett u jkunu kapaċi janalizzaw il-kwistjonijiet studjati;

(v) Li tkun tidher l-abilita' tal-istudenti li jiddiskutu t-temi marbuta mal-ħajja tal-individwu u mal-ħajja soċjali minn perspettiva reliġjuża.

## Paper I — L-Iskrittura u l-Kredu

**Sezzjoni A : Il-Bibbja**

a. L-oriġini u l-formazzjoni tal-Bibbja

b. Il-kontinwita' bejn it-Testment l-Antik u l-Ġdid

c. Temi ċentrali fl-Antik Testment : ħolqien, esodu, dekalogu, profeti, eżilju

d. Temi ċentrali fil-Ġdid Testment : il-problema tas-sinottiċi, il-Vanġelu ta' San Ġwann, il-verita' storika tal-Vanġeli, ir-rakkonti tal-Passjoni, il-Qawmien.

**Sezzjoni B : Il-Kredu**

1. Il-fidi
   - a. Fidi, raġuni, rivelazzjoni
   - b. Il-formazzjoni tal-kredi
   - c. Il-kunċett tat-Tradizzjoni
2. Id-duttrina nisranija
   - a. Alla Trinita'. Id-duttrina nisranija dwar Alla
   - b. Ġesu' bħala s-salvatur uniku tal-umanita'. Il-kwistjoni tas-salvazzjoni universali
   - c. L-Ispirtu s-Santu
   - d. Il-Knisja : waħda, qaddisa, kattolika, appostolika
   - e. It-tama u l-ħajja ta' dejjem

**Paper II** **Liturġija u Moralita' Nisranija**

**Sezzjoni A : Liturġija u Sagramenti**

1. X'inhi l-liturġija?
   a. Il-Knisja bħala komunita' li tagħti qima
   b. Jum il-Mulej
   c. Is-sena liturġika
2. Is-Sagramenti u l-Ħajja Nisranija
   a. Is-sagramenti bħala azzjonijiet tal-Knisja
   b. Riti u simboli
   c. L-Inizjazzjoni Nisranija : magħmudija, konfirmazzjoni u ewkaristija
   d. Is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u d-dilka tal-morda
   e. Iż-żwieġ u s-sagrament tal-ordni

**Sezzjoni B : Moralita' Nisranija**

1. Morali ġenerali
   a. Il-bażi tal-moralita' nisranija : il-kmandamenti u l-beatitudnijiet
   b. Il-ħajja morali f'kultura li qed tinbidel : l-għejjun tal-verita' morali
   c. Rispett lejn il-ħajja, il-verita', u d-dinjita' tal-persuna umana
2. Moralita' speċifika
   a. Iż-żwieġ u kwistjonijiet marbuta mal-familja
   b. Rispett lejn il-ġisem, l-imħabba u s-sesswalita' tal-bniedem
   c. Il-bini ta' kultura favur il-ħajja
   d. Il-paċi globali, l-iżvilupp sostenibbli u l-bini ta' soċjeta' ġusta
   e. Ir-rwol pubbliku tal-Knisja u tar-reliġjon.

**Testi għar-referenza :**

Lawrence S. Cunningham, An Introduction to Catholicism, Cambridge University Press, 2009
Alister E. McGrath, Christianity. An Introduction, Oxford : Blackwell Publications, 2004

**Kotba oħra suġġeriti :**

George T. Montague, Understanding the Bible: A Basic Introduction to Biblical Interpretation, New York : Paulist Press, 2007
Ph. Beguerie & Cl. Duchesneau, How to Understand the Sacraments, London : SCM Press, 1991

J-N Bezancon, Ph. Ferlay & J-M. Onfray, How to Understand the Creed, London : SCM Press, 1987
Guido Schembri, Kors gdid fuq il-Bibbja. Taghrif dwar il-Kotba Mqaddsa, Edizzjoni TAU, Malta 2003
Marcello Ghirlando, Il-Bibbja f'idejna: Introduzzjoni Ġenerali għall-Kotba Mqaddsa, Edizzjoni TAU, Malta 2008